Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414
.

**MINUTI TAD-DISA' LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 16 ta' Dicembru 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 6.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI – MS |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA **SKUZATA** |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM **SKUZAT** |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti u fil-hin bl-eccezzjoni li is-Sur Alex Mangion li gie skuzat minhabba mpenji li ma kellhom kontroll fuqhom u s-Sur Mark Anthonu Spiteri li wasal ftit tard.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati.

2. **PUNTI MQAJJMA**
   Hadd ma qajjem punti.

3. **APPROVAZZJONI GHAZLA TA' OPERATUR GBIR TA' SKART RICIKLABBLI**
   Is-SC qal li kif jaf kwazi kulhadd, il-Kunsill li kien kompost mill-membri kollha bl-eccezzjoni tas-Sur Alfred Zammit li kien indispost, iltaqa' maz-zewg operaturi tal-iskart ricikklabbli u wara li ddiskuta ż-zewg offerti wasal ghall-konkluzjoni li la ż-zewg operaturi qed joffru kwazi l-istess affarijiet ma jarax lok ghalfejn ghandu jibdel l-operatur, Ghaldaqstant l-arrangamenti ghandhom jitkomplew ma' Greenpak. Is-Sur Zammit qabel u qal li la hu tajjeb ma nbidlux. Barra minn hekk kompla is-Sur SC, Greenpak huma nteressati li jaghmlu CCTV hdejn Scotts wara li jintlahaq ftehim fuq kif se tigi operata.

4. **APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA LULJU – SETTEMBRU**
   Approvat wara li inghatat spjegazzjoni fuq ir-rapport mis-Segretarju Ezekuttiv.

5. **APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI DICEMBRU**
   Approvati wara li saru mistoqsijiet fuq il-pagamenti ta' Dicembru li jirrigwardaw is-salarji jinkludux il-bonus u *overtime*. Is-Segretarju Ezekuttiv kkonfermat li s-salarji jinkludu l-*overtime* kollu relatat max-xoghol li sar extra sas-16 ta' Dicembru u cioe' ix-xoghol kollu relatat mal-Bazaar li rrenda Euro 535.

   Is-Sur JD saqsa fuq Gnien Misrah Kola li fuqu kien qed isir xi xoghol. Is-Sur SC qal li x-xoghol qed isir wara li l-Gnien m'ghaddhiex mill-ispezzjoni tal-Health and Safety minhabba li l-Gnien irid ikun *contained* u dan qed isir permezz ta' tlugh ta' filata extra u gradi. Qal ukoll li l-ispejjez kienu minimi bhal ramel, bricks u xi hadid, filwaqt li ngabu xi gradi li gew iffittjati ghall-post. Is-Sinjura CS qalet li kif jitlesta ghandhom jinzerghu sigar u pjanti bhall-sigar tal-frawli, tamarisk, gudas u imbraggla.

Is-Sur MS dahal f'dan il-mument.

## 6. APPROVAZZJONI TA' *PERFORMANCE BONUS 2015*

Is-Sur SC beda bl-approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-istaff. Hu qal li l-*Performance Bonus* hu f'maqsum f'zewg persentaggi ta' 3% jew 5% u bil-massimu li hu dak ta' 6% jew 10%. Hu qal li iktar tista' titkellem is-Segretarju Ezekuttiv fuq ix-xoghol imwettaq taht l-amministrazzjoni taghha. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jekk taqbad u tevalwa ix-xoghol hekk kif imwettaq mill-istaff, ma tantx hemm wisq x'izzid ma dak li ntqal fis-snin ta' qabel. Hi spjegat kif l-ufficcju jimxi harir b'*teamwork* tajjeb u kif kollox isir kif mitlub, b'efficjenza u malajr, Kompliet tghid li din is-sena sahansitra rnexxielhom jahdmu fuq il-Kalendarju u r-Rivista u lestewhom ferm qabel iz-zmien. Barra minn hekk kien hemm bosta attivitijiet li ntbaghtu *leaflets* ghalihom fi zmien qasir, minn meta tkun harget id-decizjoni mill-Kunsill, li wassal biex bosta attivitajiet jirnexxu u jkunu wkoll ta' success. Is-Sur Alfred Zammit kellu kliem ta' tifhir ghas-Sur Philip Caruana. Fil-kaz tas-Segretarju Ezekuttiv is-Sur SC qal li jahdem sew maghha, urietu l-kapacitajiet taghha u gieli anka kien ha jizbalja ghax kulhadd uman u taghtu parir tajjeb kif ghandu jsolvi xi problemi. Saqsa ghalhekk jekk hemmx oggezjonijiet li jinghata l-full ta' *Performance Bonus*. Kien hemm qbil unanimu li jinghata *full*.

Is-Sur SC ghalhekk ghadda Rizoluzzjoni proposta u ffirmata minnu u s-sekondata mis-Sur MS fejn fiha hemm imnizzel li l-istaff kollu ghandu jinghata l-massimu tal-*Performance Bonus* cioe' 10% fil-kaz tas-Segeretarju Ezekuttiv u 6% fil-kaz tal-impjegati tal-Kunsill.

## 7. APPROVAZZJONI TA' TELEWORK TAS-SINJURA YANICA SAMMUT

Is-SE qalet li rceviet talba minghand is-Sinjura Yanica Sammut sabiex wara l-*leave* ta' maternita' taghmel uzu mill-*Family Friendly Measures* tat-*Telework*. Is-Sur JD talab lis-SE tispjegalhom kif ha jahdmu bis-sistema ta' telewok...is-SE qalet li ilhom jahdmu u jippruvaw minn meta s-Sinjura Sammut kienet ma tiflahx u waqt li kienet id-dar ippruvaw biex jaraw kif jistghu jahdmu id f'id. Hi qalet li s-Sinjura Sammut hi ass ghall-Kunsill u zgur ma taffordjax tahli l-hin iddahhal persuna ohra minn flokha ghal zmien qasir ghax zgur mhux sa jilhaq il-livell ta' xoghol li s-Sinjura Sammut tirrendi u rrendiet kemm ilha mpjegata mal-Kunsill. Is-Sur Alfred Zammit qal li hu ga esprima l-opinjoni tieghu fuq it-*telework* f'laqghat ohra. Is-Sur JD qal li dawn huma mizuri li qed joffri l-Gvern u li ilhom offruti tul dawn l-ahhar snin. Is-Sur MS qal li hu m'ghandux oggezzjoni basta ma jigux impjegati iktar haddiema barra dawk offruti b'xejn taht skemi tal-Gvern. Is-Sur Alfred Zammit qabel. Kien hemm qbil fuq it-*telework* tas-Sinjura Sammut u ghaldaqstant gie approvat.

## 8. AFFARIJIET OHRA

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Tkellem fuq il-laqghat li kellhom hu, Is-Sur JD u s-Sur AM mas-Sinjuri Alfred Triganza u Gabby Mallia. Qal li iktar diskussjonijiet ha jizvolgu l-quddiem hekk kif ikun hemm fondi disponibbli ghal xi progetti li l-Kunsill bi hsiebu japplika ghalihom.

Is-Sur JD ressaq dawn il-punti:

- Talab biex ghall-applikazzjoni tal-UGP il-Kunsill igib xi prezzjiet ghall-konok sabiex tkun tista' timtela' l-proposta sal-ahhar ta' Dicembru. Is-Sur RC qal li l-progett ghandu jaghfas l-iktar fuq il-konok minhabba li dawn iservu iktar u huma iktar prattici. Is-Sinjura CS qalet li ovvjament jekk isiru qsari kbar jew zghar iridu jissaqqew spiss imma jrid ikun hemm il-koperazzjoni tar-residenti. Is-Sur JD qal li l-Kunsill irid jaghmel id-differenza ghax ghall-kuntrarju ta' postijiet ohra bhall-B'Kara fejn ma tarax sigra wahda, Ħ'Attard mimli sigar u ghandu potenzjal.

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Saqsa u talab li tittiehed azzjoni minhabba li l-Ghassa dejjem tkun maghluqa. Is-Sur SC qal li talbiet saru diversi drabi imma dan ma jiddependix mill-Kunsill minhabba nuqqas ta' Pulizija biex ikopru x-xoghol relatat mal-ftuh tal-Ghassa ta' Ħ'Attard.
- Saqsa fuq ir-Rivista anka minhabba l-fatt li hu qatt ma jirceviha. Is-SE qalet li r-Rivista lesta u ha titqassam fil-granet li gejjin u ha jsir mezz li din titqassam kullimkien.

Is-Sinjura Francesca Sammut li kienet prezenti tul il-laqgha kollha ressqet quddiem il-Kunsill sabiex jigi ffirmat il-kuntratt tal-progett li jmiss tal-Kunsill Lokali Zghazagh Ħ'Attard Guess Who? li ha jsir co-financed mill-Agenzija Zghazagh. Il-kuntratt gie ffirmat mis-SE u s-Sur SC.

Is-Sindku xtaq jaghlaq il-laqgha billi jirringrazzja lill-kulhadd tas-sena li ghaddiet, jawgura l-kulhadd Milied Hieni u Sena Gdida u bhalha apprezzament ghaddhielhom rigal zghir tal-Milied min-naha tieghu flimkien ma' *Diary* ghas-sena

Il-laqgha giet aggornata ghat-Tlieta,12 ta' Jannar 2016 fil-5.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| Sindku | Data |